**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.**

**Seduta Nru VI**
**Illum, 18 ta’ Jannar, 2001**

**Appell Nru 65/00**

**Il-Pulizija**
**(Spettur David Gatt)**

**v.**

**Paul Said u Joseph Said**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Paul Said u Joseph Said talli fl-20 ta’ Ottubru, 1999 u fil-granet ta’ qabel gewwa Bu Nuhhala l/o Rabat, (**1**) minghajr il-hsieb li jaghmlu hsara izda biex jezercitaw dritt li jippretendu li ghandhom, imbarraw triq pubblika permezz ta’ grada maqfula bil-katnazz; (**2**) kif ukoll heddew lill Alvin Vassallo ta’ 3, Triq il-Kbira, Mgarr;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-14 ta’ Marzu, 2000 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmija Paul u Joseph Said hatja skond ewwel imputazzjoni u kkundannathom ihallsu multa ta’ hamsa u ghoxrin lira (Lm25) kull wiehed; dik il-qorti, pero`, illiberathom mit-tieni imputazzjoni;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-istess Paul Said u Joseph Said, minnhom ippresentat fit-23 ta’ Marzu, 2000 li permezz tieghu talbu r-riforma ta’ l-imsemmija sentenza fis-sens li jigu liberati anke mill-ewwel imputazzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza, semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Din il-Qorti ftit li xejn ghadha xi tghid dwar dana l-appell hlief li jirrasenta l-fieragh. L-appellant ghandu erba’ aggravji. Ir-raba’ wiehed hu fis-sens li “jezisti dubbju ragjonevoli fuq l-identita`” tal-appellant Paul Said, u dana peress li fic-citazzjoni id-data tat-twelid tieghu hi indikata bhala 15.10.93. Fil-fehma tal-Qorti dan hu semplici *lapsus calami* li b’ebda mod ma jpoggi in dubbju l-identita` ta’ dana l-

appellant, aktar u aktar galadarba hemm ukoll indikati isem u kunjom ommu w missieru, ir-residenza tieghu u n-numru tal-karta tal-identita` tieghu. Hu evidenti li in-numru *93* ghandu jinqara *23*.

It-tlett aggravji l-ohra huma, bazikament, fis-sens li l-imputazzjoni ta' *ragion fattasi* ma tirrisultax pruvata. Din il-Qorti, pero`, tara li mill-kumpless tal-provi jirrisulta sodisfacentement pruvat li Alvin Vassallo, li, bhal missieru qablu, kien jaghmel uzu minn passagg biex jaccedi ghall-ghalqa tieghu, gie mfixkel fid-data indikata fl-imputazzjoni milli jaghmel hekk minn speci ta' *barrier* imqieghda mill-appellanti. Mill-kumpless tal-provi din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala ghandha tiddisturba s-sentenza moghtija mill-ewwel qorti.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur